31 ta' Marzu, 1952.

Imhallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *A/President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Mario Farrugia *versus* Dottor Carmelo Zammit et. ne.

**Bejgh — Bejgh "In Massa" — Danni — Ekwipollenza — Klawsola "Weight, Contents and Value Unknown" Jew "Peso Sconosciuto" — Polza tal-kariku — Prova — Art. 1168, 1397 u 1400 tal-Kodići Ćivili.**

*Fil-każ ta' domanda għal danni fondata fuq il-fatt li x-xerrej attur ikun irċieva minn għand il-konvenut bejjiegħ il-merkanzija minnu*

*mixtrija, imma fi kwantità anqas minn dik minnu ordnata, jew ta' kwalità diversa minn dik pattwita, id-domanda għad-danni, apparti milli "per equipollens" tista' titqies bħala danni fis-sens ta' diminuzzjoni ta' prezz, hija sostnuta anki in bażi għad-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li kull min jonqos li jeżegwixxi obligazzjoni li jkun ikkuntratta huwa tenut għad-danni. Għax il-konsenja tal-ħaġa mhux fil-kwalità pattwita hija inadempjenza, u l-konsenja tal-ħaġa fi kwantità minuri hija wkoll inadempiment tal-kuntratt li jagħti lok għar-rifazzjoni tad-danni.*

*Huwa veru li meta l-bejgħ isir "in massa", il-merċi hija għar-riskju tax-xerrej, u għalhekk dan għandu jbati n-nuqqas li jiġri fil-kors tal-vjaġġ; imma jibqa' dejjem l-obligu tal-bejjiegħ li qabel il-vjaġġ ikun effettivament għabba l-kwantità stipulata. U din il-prova huwa ma jagħmilhiex billi jġib bħala konferma l-polza tal-kariku, jekk din ikun fiha l-kliem "weight, contents and value unknown" jew "peso sconosciuto"; għax is-sens tal-polza b'dan il-kliem huwa li jibqa' dejjem l-obligu tal-karikatur li jipprova li l-kwantità indikata fil-polza kienet ġiet verament imbarkata.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biha l-attur ippremetta li hu xtara minn għand l-imsemmi Belgassem Trechi, fil-kwalità fuq imsemmija, larinġ "demmi", ċjoè tad-demm, fil-kwantità ta' 40 tunnellata, li jammontaw bħala prezz għas-somma ta' £1096. 6. 1, liema larinġ wasal Malta bl-iskuna "Jennifer Julia", u meta wasal ġie konstatat li kien tal-kwalità "Portogallo" fi kwantità kbira, u mhux "demmi". Kif ukoll ġie konstatat li minflok 40 tunnellata kien hemm 35 tunnellata u 856 kili (T. 35, 856), liema kwantità, kieku l-larinġ kien kollu tal-kwalità pattwita, kienet tilħaq il-prezz ta' £1014. 14. 3, billi l-larinġ "demmi" jinxtara minn dawk li jridu jinnegozjawh bis-seba' soldi (7d.) il-kilo u l-larinġ "Portogallo" jiswa sitt soldi (6d.) il-kilo; u li, kif jiġi pruvat, hu sofra dannu li jammonta għal £200 jew għal somma verjuri, akbar jew anqas, li tiġi likwidata mill-Qorti, tant għaliex Belgassem Trechi proprio et nomine bagħat kwantità ta' larinġ anqas minn dik mifteħma, kemm għax bagħat larinġ mhux tal-kwalità pattwita; talab li l-konvenuti, fil-kwalità fuq imsemmija, jiġu kundannati li jħallsuh is-somma ta' £200, jew somma oħra verjuri, akbar jew iżgħar, li tiġi likwidata, u dana bħala danni li hu sofra minħabba li

nbagħtet kwantità ta' larinġ anqas minn dik li kellha tinbagħat u fi kwalità mhux pattwita. Bl-imgħax kummerċjali, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-18 ta' Frar 1950, kontra l-konvenuti nterpellati għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-28 ta' Awissu 1951, li biha ġiet respinta l-eċċezzoni ta' irritwalità taċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż, u ġiet milqugħa t-talba, u l-konvenut ġie kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £200, bl-imgħaxijiet kummerċjali mill-jum tas-sentenza, u bl-ispejjeż kollha; wara li kkunsidrat;

Illi ma hux kontrastat illi l-konvenut proprio et nomine, bin-negozju fi Tripoli, biegħ lill-attur kwantità ta' larinġ talkwalità "demmi". Il-kwantità oriġinarjament kellha tkun ta' 40,000 kili, iżda, minħabba ristrettezza ta' spazju abbord, ma tgħabbewx ħamsin kaxxa, u l-kwantità kellha tkun ta' 38,750 kili, u l-prezz ġie ridott minn £1130 għal £1096. 6. 1. Sa hawn ma nqalgħet ebda kwistjoni;

L-attur jippretendi li, meta wasal il-larinġ, instab li ma kienx tal-kwalità pattwita, ċjoè "demmi", u li kien hemm anki ammank fil-kwantità, li kienet biss ta' 35,865 kili; u għalhekk, għad li ddispona mill-larinġ, qiegħed jitlob id-danni;

Illi fin-nota tiegħu fol. 135 il-konvenut nomine issottomettà li l-azzjoni tinsab proposta ħażin. Issa, għalkemm hu sewwà dak li josserva l-istess konvenut nomine, kieku l-azzjoni kienet, kif qed jassumi hu, impernjata fuq l-artikoli minnu ċitati, ċjoè l-art. 1477 dwar l-azzjoni estimatorja, l-art. 1440, u l-art 1112 tal-Kap. 23, apparti li, "per equipollens", id-domanda għad-danna tista' titqies bħala danni fis-sens ta' diminuzzjoni tal-prezz, hemm anki l-art. 1168 ibidem, li jgħid li kull min jonqos li jeżegwixxi obligazzjoni li jkun ikkuntratta huwa tenut għad-danni. Issa, il-konsenja tal-ħaġa mhux filkwalità pattwita hija inadempjenza (ara sent. "Aquilina vs. Mamo", 3. 10. 27, paġ. 192, Vol. XXVI, I, sez. II, fejn hemm ċitata f'dan is-sens sentenza tal-Qrati Taljani), u l-konsenja ta' ħaġa fi kwantità minuri hija wkoll inadempiment tal-kuntratt, li jagħti lok għar-rifazzjoni tad-danni (Vol. VIII, paġ. 214). Kosikkè, sija għaliex "per equipollens" l-istanza għaddanni tista' titqies bħala istanza għad-diminuzzjoni tal-prezz

minħabba d-diversità ta' kwalità u d-defiċjenza fil-kwantità, sija għaliex sostenibili in bażi għall-art. 1168 fuq ċitat, l-azzjoni ma hijiex irritwalment proposta;

Illi, kif ingħad, l-ilment ta' l-attur hu dwar il-kwantità u dwar il-kwalità;

Illi, kif ingħad, il-kwantità oriġinarjament pattwita kienet ġiet ridotta minħabba li ma setgħux jitgħabbew ħamsin kaxxa, u kwindi l-kwantità li fiha sussegwentement akkwijexxa l-attur kienet dik ta' 38.750 kili. Dan jirriżulta mill-iskambju tat-telegrammi..........;

A propożitu ta' din il-kwistjoni, il-konvenut nomine osserva li mill-provi deher li ġiet spedita l-kwantità stipulata, u jekk sar xi ammank waqt il-vjaġġ Tripoli-Malta, allura l-konvenut xejn ma għandu x'jaqsam, għax, trattandosi ta' bejgħ "in massa", il-merċi kienet għar-riskju ta' l-attur xerrej, skond l-art. 1061 Kodiċi Ċivili—recte artikolu 1397 Ediz. Riv. Kap. 23. Il-Qorti, wara li qrat id-dokumenti li hemm fil-proċess, dan u l-ieħor (fol. 39 u dan l-aħħar), u wara li rat l-art. 1400 Kap. 23, kif interpretat mill-ġurisprudenza (sent. Kummerċ "Balbi vs. Tabone", 13 ta' Ġunju 1899, Vol. XVII—III—30, Imħallef Dr. Paolo Debono), tirritjeni li aktarx il-bejgħ kien "in massa", u kwindi r-riskju kien għall-attur, fil-kors tal-vjaġġ; imma ċertament jibqa' dejjem l-obligu tal-bejjiegħ, ċjoè tal-konvenut, li, qabel il-vjaġġ, jkun effettivament għabba l-kwantitativ stipulat; kwindi l-kwistjoni dejjem tibqa' filli l-Qorti tara, billi tiżen ix-xhiediet, liema miż-żewġ versjonijiet hi aċċettabili—dik tal-konvenut, li tgħabbew biss 38750 kili, jew dik ta' l-attur, li tgħabbew biss 35865 kili;

Illi l-konvenut ressaq bħala provi tat-tagħbija fil-kwantità ta' 38750 ix-xhieda.......... Il-konvenut semma anki l-piż lord kif dikjarat fil-polza tal-kariku; però din iċ-ċirkustanza ma għandhiex valur konfermatorju, għaliex fil-korp tal-polza hemm il-kliem "Weight, contents and value unknown", ekwivalenti għall-klawsola "peso sconosciuto" fil-prattika merkantili taljana, u dik "poids inconnu" fil-prattika merkantili franċiża; u li s-sens tagħha hu li jibqa' dejjem l-obligu tal-karikatur li jipprova li l-kwantità ndikata fil-polza "kienet verament imbar-

43—44, Vol. XXXVI, p. I, sez. 2.

kata'' (ara sent. tal-Kassazzjoni Franċiża, 27 ta' April 1896, Revue Internat. Droit Maritime, XII, 5). Għalhekk il-prova tal-konvenut tirriduċi ruħha għaċ-ċertifikat u x-xhieda ta' Naudi;

Illi l-attur ġieb ix-xhieda tal-pizatur tad-Dwana..........; din il-Qorti tippreferixxi li toqgħod fuq il-provi ta' l-attur, għal dawn ir-raġunijiet :—

*Omissis;*

Illi għalhekk ġie soddisfaċentement pruvat li minflok 38750 kili kien hemm fl-iskarikazzoni 35865, u li dan in-nuqqas eżista fil-waqt tal-karikazzjoni fi Trípli;

Illi dwar il-kwalità ma hemmx dubju li l-larinġ kellu jkun "demmi";

Illi l-attur wasal biex jipprova li l-larinġ ma kienx ta' din il-kwalità;

Infatti..........;

Għalhekk l-attur jistħoqqlu d-danni fis-sens fuq imsemmi;

Illi dwar dawn id-danni, kieku ma kienx hemm il-kwistjoni tal-kwalità, il-prezz fuq il-kwantitativ ta' 35865 kili kien ikun ta' £1014. 14. 3 bis-7d. il-kilo meno t-tlieta fil-mija kummissjoni. Meta titqies il-kwistjoni tal-kwalità, il-Qorti ssib sewwa l-prospett fol. 19, b'dawn il-modifikazzjonijiet........; iżda l-Qorti, fl-arbitriju diskrezzjonali tagħha, jidhrilha li, meħudin in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha, is-somma dovuta bħala danni jew diminuzzjoni ta' prezz lill-attur tista' tiġi fissata f'dik is-somma ta' £200 kif reklamata mill-attur;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Felice Ellul nomine, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu respinti d-domandi ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi d-danni reklamati biċ-ċitazzjoni huma pretiżi għaliex il-larinġ spedit mill-appellant nomine ma kienx tal-kwalità ordnata mill-appellat, u għaliex ġiet mibgħuta kwantità ta' larinġ anqas minn dik miftehma. Quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant kien ressaq l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità taċ-ċitazzjoni, li ġiet deċiża kontra tiegħu bis-sentenza appellata. Fuq dan il-pont, però, ma hemmx appell, billi, kif jidher mill-verbal

meħud fis-seduta tal-24 ta' Marzu 1952, l-appell jinsab limitat biss għal dik il-parti tas-sentenza appellata li tolqot il-meritu tad-domandi kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni;

**Ikkunsidrat;**

Illi, kwantu għall-kwalità tal-laring li l-appellant nomine kellu jibgħat lill-attur, jirriżulta, u del resto ma ġiex kontrastat, li dak il-laring kellu jkun "demmi", mentri mill-kumpless tal-provi........... il-Qorti hija soddisfatta li biss madwar il-għaxra fil-mija ta' l-imsemmi laring kien tal-kwalità mifteħma, u l-kumplament kien ta' kwalità inferjuri, magħrufa fis-suq bħala "Portogallo". Kwantu għall-kwantità........... kellhom jitgħabbew biss 38750 kili........ li ġiet skarikata minn dak il-bastiment kienet biss tal-piż ta' 35865 kili. Ma hemmx kwistjoni li l-bejgħ in kwistjoni sar "in massa", u l-merkanzija, għalhekk, wara li tgħabbiet fuq il-bastiment, kienet għar-riskju tax-xerrej, u kwalunkwe mankament li seta' jiġrilha waqt il-vjaġġ għandu jbatih l-istess xerrej. Iżda, kif sewwa ġie rilevat fis-sentenza appellata, il-venditur huwa obligat juri li effettivament għabba l-kwantità li kien obligat ruħu. Din il-prova l-appellant nomine jsostni li għamilha bil-polza ta' Walter Naudi........... Iżda, għar-raġunijiet miġjubin fis-sentenza appellata, ma jistax jiġi ritenut li dik il-prova saret b'mod soddisfaċenti, u għandha titqies iżjed attendibili l-pretensjoni ta' l-attur illi l-kwanttativ tal-laring imgħobbi fuq il-bastiment, u għalih destinat, kien tal-piż kompless iv ta' 35865 kili, billi sostnuta minn provi iżjed aċċettabili, riportati f'dik is-sentenza, u li għalihom huwa suffiċjenti li ssir riferenza;

*Omissis;*

Għal daqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma, fil-kap devolut lil din il-Qorti, is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-28 ta' Awissu 1951; bl-ispejjeż kontra l-appellant konvenut nomine.